MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Numru 28/2011

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**David Gatt**

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari.**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 28 tas-sena 2011 kontra l-akkużat David Gatt, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tlettax (13) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija rċew rapport dwar tfalja li mid-dehra tagħha setgħet kienet mejta u li kienet mixħuta f’post jismu Ras il-Ġebel fil- Limiti tal-Mġarr. Dan filfatt ġie ikkonfermat mill-membri tal-korp tal-pulizija u waqt l-investigazzjonijiet u l-eżamijiet u l-interventi mediċi u tossikoloġiċi sussegwenti li seħħew *a tempo vergine*, din it-tfajla ġiet identifikata bħala Rachel Bowdler ta’ 17

il-sena u li l-kaġun tal-mewt tagħha kien *pulmonary oedema* kkawżata minħabba *overdose* tad-droga herojina. Illi ġie stabbilit ukoll li din it-tfajla kienet mietet f'apartament ġewwa San Pawl il-Baħar fejn ir-residenti ta' dan l-apartament senjatament Jason u Carmela sive Connie Decelis kienu ddisponu mill-vittma meta irrealizzaw li l-vittma in kwistjoni ma kinitx qed tirrispondi għall-assistenża li kienu qed jippurvaw ituha u dehret li setgħet mietet u dan għamluħ sabiex jevitaw inkwiet mal-pulizija. Filfaft ittieħdu l-passi relattivi quddiem il-Qrati tagħna kontra dawn il-persuni fejn instabu ħatja ta' qtil volontarju u preżenzjalment qedgħin jiskontaw piena ta' priġunerija effettiva sabiex iħallsu ta' għemilhom.

Illi rriżulta li wara li s-sinjuri Deċilis ġew ikkundannati għall-involviment tagħhom fir-reat hawn fuq imsemmi fl-istadju tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), kemm Jason u Connie Decelis ħassew il-ħtieġa li jagħtu informazzjoni lill-pulizija fejn preċiżament fil-31 ta' Ottubru 2008 dawn ġew mitkellma u stqarrew li David Gatt qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri kienet il- persuna li kienet biegħet id-doża tad-droga herojina li kienet effettivament qatlet lid-defunta Rachel Bowdler, fejn l-akkużat dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew li jqegħdilha ħajitha f'periklu ċar, prepara din id-doża qerridija ghall-istess vittma. Irriżulta wkoll li meta l-vittma dehret li kienet qed tbagħti mill-konsegwenżi ta' din id-droga, l-istess David Gatt kien ta struzzjonijiet b'theddid lis-sinjuri Decelis sabiex ma jċemplux lill-ambulanża u meta dehret li kienet mietet, hu kien qalilhom ukoll kif u fejn għandhom jiddisponi mill-kadavru tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi David Gatt sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs David Gatt datata s-sbatax (17) ta'

Ġunju tas-sena elf disgħa mija tmienja u desgħin (1998), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, reċidiv f'dellitt, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi wara l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lil pulizija kif imsemmi fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), irriżulta minn dak li stqarru Jason u Connie Decelis li fl-istess perijodu li seħħ l-inċident konċernanti Rachel Bowdler u ċioe bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed (2001) l-akkużat David Gatt kien forna u biegħ id-droga qerridija ta' herojina lil Rachel Bowdler u kien forna u biegħ droga simili lil Jason Decelis. Jirriżulta li Jason Decelis kellu l-vizzju tad-droga kif ikkonferma hu stess mal-pulizija u l-akkużat kien ilu jipprovdilu din is-sustanża llegali għal madwar sena qabel ma sfat mejta l-imsemmija Rachel Bowdler. B'hekk irriżulta illi l-akkużat volontarjament u xjentement kellu fil-pussess tiegħu din id-droga li indubjament kienet intenzjonata għal persuni oħrajn u li filfatt ġiet effettivament ittraffikata mill-akkużat għal skopijiet ta' lukru. Illi d-droga herojina hija kkunisdrata bħala droga illegali u perikoluża skond il-liġi tagħna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi David Gatt sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija (herojina), u mingħajr ma kien fil- pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs David Gatt datata s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elf tmien mija u desgħin (1998), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, reċidiv f'dellitt, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d- droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall- importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu

liċenzja li jipprokuraw l-istess droga; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġu kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi wara l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lil pulizija kif imsemmi fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), irriżulta minn dak li stqarru Jason u Connie Decelis li fl-istess perijodu li seħħ l-inċident konċernanti Rachel Bowdler u ċioe bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed l-akkużat David Gatt kien forna u biegħ id- droga qerridija ta' herojina lil Rachel Bowdler u kien forna u biegħ droga simili lil Jason Decelis. Irriżulta wkoll li apparti mid-droga herojina Jason Decelis kien anki jagħmel użu minn u filfatt akkwista d-droga kokajina mill-akkużat, liema sustanża hija wkoll waħda illegali u titqies bħala droga perikoluża skond il-liġijiet tagħna. Jirriżulta li Jason Decelis kellu l-vizzju tad-droga kif ikkonferma hu stess mal-pulizija u l-akkużat kien ilu jipprovdilu s-sustanża llegali tal-kokajina għal madwar sena qabel ma sfat mejta l-imsemmija Rachel Bowdler. B'hekk irriżulta illi l-akkużat volontarjament u xjentement kellu fil- pussess tiegħu din id-droga li indubjament kienet intenzjonata għal persuni oħrajn u li filfatt ġiet effettivament ittraffikata mill-akkużat għal skopijiet ta' lukru. Illi d-droga kokajina hija kkunisdrata bħala droga illegali u perikoluża skond il-liġi tagħna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu, l-imsemmi David Gatt sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforn d-droga msemmija (kokajina), u mingħajr ma kien fil- pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw id-droga msemmija, u miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs David Gatt datata s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elf tmien mija u desgħin (1998), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David Gatt, reċidiv f'dellitt, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d- droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall- importazzjoni jew

awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokuraw l-istess droga; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġu kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari li huma s-segwenti :

1. Illi l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap, fit-tieni paragrafu tal-parti narrattiva, jutilizza l-kelma "issomministra" bhala turija ta' l-agir tal-esponenti in konnessjoni mal-agir allegat tal-esponenti u d-decujus. Illi din id-deskrizzjoni ma ssib konfort fl-ebda prova u ghaldaqstant l-esponenti jitlob li tkun mibdula.

Illi din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

2. Illi l-Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponenti fit-Tieni u fit-Tielet Kapi bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li allegatament sehh fl-istess perjodu fl-istess ksur ta' artikoli, miksur bl-istess metodu u li l-uniku differenza hija s-sustanza, cioe` herojina u kokajina rispettivament.

Illi l-esponenti jishaq li dan l-agir huwa bi ksur tad-dritt tar-*rule against duplicity,* hekk prattikata u applikata sa mis-seklu 18.

Illi l-"House of Lords"! fil-kaz DPP v. Merriman [1973] AC 584, permezz ta' Lord Morris of Borth-y-Gest, tghid :-

*"It is … a general rule that not more than one offence is to be charged in a count in an indictment….The Question arises – what is an offence? If A attacks B and, in doing so, stabs B five different times with a knife, has A committed one offence or five? If A in the dwelling house of B steals 10 difference chattels, some perhaps from one room and some from others, has he committed one offence or several? In many different situations comparable questions could be asked. In my view such questions when they arise are best answered by applying common sense and by deciding what is fair in the circumstances. No precise formula can usefully be laid down but I consider that clear and helpful guidance was given by Lord Widgery CJ in….Jemmison v Priddle [1972] 1 QB 489 at p. 495. I agree …. That it will often be legitimate to bring a single charge in respect of what might be called one activity even though that activity may involve more than one act. It must, of course, depend upon the circumstances …."*

In a similar vein, Lord Diplok said (at p. 607C) :

*The rule against duplicity, viz, that only one offence should be charged in any count of an indictment ….has always been applied in a practical, rather than in a strictly analytical, way for the purpose of determining what constituted one offence. Where a number of acts of a similar nature committed by one or more defendants were connected with one another, in the time and place of their commission or by their common purpose, <u>in such a way that they could fairly be regarded as forming part of the same transaction or criminal enterprise,</u> [sottolinear tal-esponenti], it was the practice, as early as the 18$^{th}$ century, to charge them in a single count of an indictment ……"*

Ikompli l-Blackstone jishaq billi jghid :
*"The test of whether it is proper to have a single count is : can the separate acts attributed to the accused fairly be said to form a single activity or transaction? It follows from that test that, if the particulars of a count can sensibly be interpreted as alleging a single activity, it will not be bad for duplicity, even if a number of distinct criminal acts are implied.*

Ikompli l-Blackstone u jghid :
*"thus, the rule against duplicity rests ultimately on common sense and pragmatic considerations of what is fair in all the circumstances".*

Ikompli l-Blackstone jghid :

*"the forging discussion of the rule against duplicity demonstrates the distinction between an allegation that the accused has committed a number of distinct offences, which must always be put in separate counts, and an allegation merely that he committed a number of distinct criminal acts which formed part of one activity or transaction, which can properly go into a single count."*

Wara li giet esposta d-dutrina legali kollha applikabbli ghal din l-eccezzjoni imressqa mill-esponenti x'jemergi?

Meta wiehed japplika l-"common sense" x'jemergi?

- Illi l-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprekludi s-sustanzi kemm tal-herojina, kif ukoll tal-kokajina fost l-ohrajn;
- Illi l-pussess aggravat u t-traffikar ta' kull wahda mis-sustanzi msemmija dejjem huwa bi ksur tal-istess artikolu tal-ligi cioe` l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Illi l-piena hija l-istess u l-ligi ma taghmilx distinzjoni fil-piena billi toqghod tqis jekk il-pussess aggravat jew it-traffikar huwiex ta' sustanza jew ohra;

- Illi l-pussess aggravat jew traffikar ta' herojina u l-pussess aggravat jew traffikar ta' kokajina igorru maghhom l-istess piena;
- Illi l-allegat agir sehh in konnessjoni mas-sustanzi kollha fl-istess perjodu;
- Illi l-allegat agir mhux biss skond il-prosekuzzjoni sehh fl-istess perjodu talli sehh ukoll mill-istess post;

Illi jsegwi ghaldaqstant li bl-agir tal-Avukat Generali li jressaq il-quddiem zewg kapi minflok wiehed fejn il-ksur huwa dejjem dwar il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tali agir jammonta u jwassal sabiex l-esponenti jressaq eccezzjoni a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-esponenti qieghed jressaq eccezzjoni a tenur tal-artikolu 449(1)(d) tal-Kodici Kriminali fil-konfront kemm tat-Tieni Kap u fl-eventwalita` li tintlaqa` l-eccezzjoni precedenti, anke fil-konfront tat-Tielet Kap.

Illi minn analizi tal-fedina penali esebita in atti tal-akkuzat, jidher li l-esponenti nhar il-25 ta' Marzu, 2002 gie misjub hati ta' traffikar a tenur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li gie hekk ikkundannat u moghti piena ta' sena prigunerija u LM 200 multa.

Illi l-perjodu taz-zmien li tieghu gie diga` misjub hati l-esponenti fis-sentenza li qed issir riferenza ghaliha, huwa proprju l-perjodu msemmi mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva tat-Tieni u t-Tielet Kap, fejn proprju l-"cut off date" fis-sentenza msemmija hija proprju l-31 ta' Mejju, 2001 u fl-ahhar granet qabel din id-data.

Illi l-istess Avukat Generali fl-istess zewg Kapi jaghmel riferenza ghal fatt li tali allegat traffikar kienu ilu sena shiha ghaddej qabel. Skond sentenza moghtija kontra l-esponenti nhar il-14 ta' Gunju 2002, jidher kif l-esponenti diga` nstab hati ta' traffikar ghal perjodu ta' bejn l-14 ta' Gunju 2002 u l-ahhar granet qabel din id-data.

Illi jista` jkun ukol li hemm aktar sentenzi li jolqtu l-principju ta' *ne bis in idem* u li ma humiex misjub fil-fedina penali tal-esponeti stante li tali fedina penali hija aggornata biss sas-6 ta' Frar, 2008 u ghaldaqstant l-eseponenti jirrizerva li f'kaz li jezistu sentenzi ohra f'dan ir-rigward li jelenka l-istess matul is-seduta li ser tinzamm in konnessjoni ma' dawn l-eccezzjoni preliminari.

Ghaldaqstant l-esponenti fid-dawl ta' dawn il-kazijiet decizi, qieghed jaghti eccezzjoni ta' gudikat li bih l-akkuzat kien ga gie misjub hati u dan a tenur tal-artikolu 449(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti a tenur ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali.

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Wara li sar tibdil fl-Att tal-Akkuża kif awtorizzat mill-Qorti, l-abbli Avukat Difensur irtira din l-eċċezzjoni permezz ta' nota fl-atti matul is-seduta tas-17 ta' Marzu 2012. (fol 111 u 112). Għalhekk il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-Tieni Eċċezzjoni – Dupliċita' fl-Att tal-Akkuża.**

Skont il-verbal tat-2 ta' Lulju 2012, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed iħallu din l-eċċezzjoni biss għas-sentenza.

Fi ftit kliem, id-difiża qed tgħid għala għandu jkun hemm żewġ kapi li huma prattikament l-istess ħlief li f'wieħed hemm akkuża ta' traffikar ta' erojina u fl-ieħor hemm akkuża ta' traffikar ta' kokaina.

Id-difensur issottometta li dan l-aġir tal-Avukat Ġenerali huwa ksur tad-dritt tar-rule against duplicity. Huwa rrrefera għal dak li ntqal dwar dan fil-każ 'DPP v Merriman' (1973) permezz ta' Lord Morris u dak li qal Lord Diplock waqt li kkwota tliet brani mill-Blackstone fosthom:

‘the foregoing discussion of the rule against duplicity demonstrates the distinction between an allegation that the accused has committed a number of distinct offences, which must always be pur in separate counts, and an allegation merely that he committed a number of distinct criminal acts which formed part of one activity or transaction, which can properly go into a single count.’

It-trattazzjoni dwar din it-tieni eċċezzjoni tidher a fol 96 – 98 ta’ dan il-proċess. Id-difża saħqet li din ir-rule against duplicity li teżisti fir-Renju Unit għandha b’estensjoni tapplika għal Malta ġaladarba l-Qrati tagħna jirreferu għall-Proċedura Kriminali Ingliża meta jkunu qed jiddeċiedu punti ta’ proċedura kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Waqt li d-difiża kkonċediet li meta jkun hemm imputazzjonijiet jew atti tal-akkuża, il-Prosekuzzjoni dejjem għażlet li tagħmel Kapi differenti, ma jfissirx li dan għandu jibqa’ hekk għal dejjem. Barra minn hekk, jekk tkun skartata r-rule of duplicity, allura jiskatta l-artikolu 17(b) u mhux l-artikolu 17(h).

Il-Prosekuzzjoni ma’ dan ma qablitx u ssottomettiet li meta għandek sitwazzjoni ta’ traffikar ta’ żewġ drogi differenti jsiru imputazzjonijiet u / jew akkużi differenti. Il-Qorti ser tieħu konjizzjoni ta’ dan il-fatt meta tiġi biex tagħti l-piena. Ma hemm xejn x’jobbliga lill-Avukat Ġenerali li jagħmel Kap wieħed. L-Avukat Ġenerali ssottometta wkoll li regola li tapplika l-Ingilterra mhux bilfors tapplika Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-artikolu 589 tal- Kap 9 jgħid hekk dwar x’għandu jkun il-kontenut tal-Att tal-Akkuża

‘589. L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta’ Malta, u
għandu -

(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;

(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;

(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena;
u

(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.

Fil-fehma tal-Qorti kemm it-tieni Kap kif ukoll it-Tielet Kap għandhom l-elementi kollha elenkati fl-artikolu 589.

It-tieni, bħalma sewwa sssottometta l-Avukat Ġenerali, mhux kull dottrina jew prinċipju li hemm fil-proċedura kriminali Ingliża bilfors japplika għal Malta. Malta għandha Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tagħha u fejn hemm bżonn hemm referenzi għal dak li jipprovdi l-Kap 12. (Ara b'mod partikolari l-artikolu 520 li jagħmel referenza għal 128 artikolu tal-Kap 12.

It-tielet, b'danakollu ma jfissirx li jekk wieħed huwa akkużat b'serqa fit-tali data, lok u ċirkostanzi, għandu jkollu Kap tal-akkuża li jirreferi għall-istess serqa fl-istess data, lok u ċirksotanzi.

Ir-raba', huwa veru li t-tieni u tielet kap jirreferu għall-istess dati u ċirkostanzi iżda dan ma jbiddel xejn mill-fatt bażiku li f'artikolu hemm akkuża dwar bejgħ ta' erojina u fl-ieħor hemm akkuża dwar bejgħ ta' kokaina. Id-difiża tissottometti li dawn qegħdin fl-istess Kap 101. Iżda l-fatt li iż-żewġ tipi ta' droga qegħdin fl-istess Kap ma jfissirx li ma jistgħux joħorġu żewġ kapi tal-akkuża differenti. Lanqas ma joħloq xi effett legali l-fatt li jġorru l-istess piena. L-identita' fil-piena ma toħloq ebda obbligu fuq l-Avukat Ġenerali jew xi Prosekuzzjoni oħra li toħroġ Kap wieħed jew imputazzjoni waħda.

Il-ħames, il-kwistjoni tal-piena hija waħda f'idejn il-ġudikant u mhux f'idejn il-ġurija. Huwa l-ġudikant li jrid jikkonsidra jekk hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) jew 17(h).

Is-sitta, li għall-ġurija huwa aħjar li l-akkużi jkunu speċifikati milli mħalltin flimkien. Kull membru jkollu quddiemu (fil-każ tat-tieni Kap) – jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx jew le t-traffikar tad-droga Erojina u (fil-każ tat-tielet Kap) – jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx jew le it-traffikar tad-droga Kokaina. Is-separazzjoni tal-Kapi tevita ħafna alternattivi fuq l-istess Kap meta jingħata s-sample verdict u b'hekk jagħmilha aktar ħafifa għal kull ġurat li jkun jaf biċ-ċar dwar xhiex qed jivvota u mhux jieħu kollox f'daqqa.

Is-seba', il-Qorti mhix qed tara dik id-duppliċita' li minnha qiegħed jilmenta l-akkużat. L-Att tal-Akkuża huwa intiż biex l-affarijiet ikunu ċari kemm għall-akkużat, kemm għall-ġurija u kif ukoll għall-imħallef li jrid jindirizza lill-ġurati. Il-fatt li kemm l-erojina kif ukoll il-kokaina huma tnejn 'drogi' ma jfissirx li meta wieħed jittrafikhom dan ikun qed jagħmel ' a number of distinct criminal acts which formed part of one activity.' Kull darba li għandek il-bejgħ ta' xi droga għandek 'a distinct criminal activity' u ma jistax tali bejgħ jitqies bħala 'one activity or transaction'.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.**

**It-Tielet Eċċezzjoni – Ne Bis in Idem**

Fit-2 ta' Lulju, 2012, l-abbli Avukat Difensur iritira t-tielet eċċezzjoni (ara fol 125). Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------